Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 83/2015

Il-Pulizja

Vs

Robert Manicaro

Illum 19 ta' Novembru, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Robert Manicaro, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 96983M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar id-19 ta' Settembru, 2014 ghall-habta ta' 21:00hrs waqt li kien gewwa l-fond 69, San Jose, Triq il-Kuluvert, Fgura:

1. Hebb ghal martu Ruth Manicaro u kkagunalha griehi ta' natura hafifa hekk kif iccertifikat minn Dr. Anthony Mifsud MD ta' Paola Health Centre.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Frar, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet

ta' Malta, sabet lill-imputat hati u kkundannatu xahar prigunerija. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Robert Manicaro, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Frar, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabihtu hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih u minflok tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjoni dedotta u tilliberah kompletament skond il-ligi. Alternattivament u minghajr pregudizju ghat-talbiet precedenti u f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, jghogobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji ta' Robert Manicaro huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Ewwel Aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi meta wiehed jaghmel analizi akkurata u dettaljata tal-provi ta' dan il-kaz, jirrizulta illi l-prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reat addebitat lil esponent u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjesta mill-ligi u cioe' dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi il-prosekuzzjoni ma' ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qieghed jinghad ghar-rigward ta' htija tal-imputat li per konsegwenza hija wahda '*unsafe and unsatisfactory*'.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, it-Tieni aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti ma tilqghax l-aggravju tal-appellant u xorta ssib hitja fih, il-piena inflitta fuq l-appellant mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u mhux proporzjonata ghal-portata ta' dan il-kaz. Fil-fehma tal-esponenti ikun xieraq li jkun hemm temperament fil-piena u li tinghata piena aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz.

Ikkunsidrat,

Illi waqt is-seduta ta' llum Dr. Josianne Cardona Gatt ghall-parte civile presenti fl-awla iddikjarat li l-parte civile f'dan l-istadju irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfornt ta' zewgha.

Rat illi l-akkuza migjuba kontra l-appellanti hija wahda rinunzjabbli skond il-ligi u ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tirrevoka is-sentenza appellata, u fid-dawl tar-rinunzja maghmula mill parte civile llum tiddikjara l-procediment ezawrit.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur